# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

***Id-Doveri ta' Kuratur Ex Officio***

***Mandat ta' Inibizzjoni ghall-Impediment ta' Safar ta' Minuri Mhux Segwit b'Kawza***

***Artikoli 836; 843; 877 u 936 tal-Kap. 12***

**Illum 27 ta' Ottubru 2015**

Kontro-mandat ta' Inibizzjoni Nru. 109 / 15/1RGM

Kawza fil-lista: 1

**A B gja C**
**vs**
**L-Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gja nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil D C assenti minn dawn il-gzejjer**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**.

Rat ir-rikors tal-kuraturi deputati Dr Renzo Porsella Flores et tas-7 ta' Mejju 2015 li permezz tieghu qed jitolbu li l-mandat ta' inibizzjoni sabiex twaqqaf lill-assenti milli jiehu lill-minuri barra minn Malta ghandu jigi revokat peress li "ma jidhirx li nfethu proceduri ulterjuri wara l-mandat kawtelatorju".

Rat ir-risposta ta' A B prezentata fl-14 ta' Mejju 2015 li taqra kif gej:-

"Illi l-esponenti giet notifikata bit-taiba ghall-hrug tal-kontro-mandat de quo u d-Digriet tal-Qorti tas-7/5/15 u s-segwenti hija r-risposta taghha ghall-istess.

Illi jigi rilevat illi t-talba ghall-hrug tal-kontro-mandat hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda inter alia peress illi:

1. Illi r-rikorrent Dr. Renzo Porsella Flores irid qabel xejn jipprova l-mandat tieghu u dan fl-isfond tal-fatt illi fil-fatt l-intimat huwa assenti minn dawn il-gzejjer. Jekk huwa l-kaz illi huwa ottjena l-mandat biex jagixxi bis-segwenti minghand l-assenti innifsu huwa ghandu jgib prova ta' dan. Jekk dan huwa l-kaz allura aktar hemm lok li jibqa fis-sehh il-mandat t'inibizzjoni ghax ifisser li l-assenti jaf jirritorna lura u jiehu lill-minuri barra minn Malta kif del resto kien ghedded li jghamel u r-raguni il-ghada hareg il-mandat in the first place.

2. Jekk minn naha l-ohra r-rikorrent qed jagixxi qua kuratur deputat jigi rilevat illi l-istess rikorrenti m'ghandu fl-elenku tal-kuraturi deputati u bhala tali ma jistax jinizzja proceduri imma semmai ikun kuratur iehor li huwa tal-elenku. Ir-rikorrent bhala persuna mhux aktar fl-elenku hija impedita milli tinizzja proceduri hi di sua sponte.

3. Illi ghalhekk huwa car li r-rikorrenti m'ghandux interess guridiku.

4. Illi fl-ahhar nett bil-qima jinghad illi kif inhu risaput il-mandat ta' inibizzjoni tal-minuri huwa l-unika mandat kawtelatorju li ma m'hemmx bzonn li jigi segwit b'kawza in fatti ai termi tal-artikolu 877(7) dan il-mandat jibqa fis-sehh ghal zmien sena (liema perijodu ghadu ghaddej) u di piu tali mandat jista jigi pproropgat indefinittivament sena sena ai termini tal-artikolu 877(8) tal-Kap 12.

5. Illi r-rikorrenti ghandu jerfa' l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri stante huma ghal kollox frivoli u vessatorji fil-konfront tal-esponenti.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez."

Semghat it-trattazzjoni tal-kuratur deputat rikorrent u tal-Avukat tal-intimata fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2015.

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

Ikkunsidrat.

**FATTI RILEVANTI**.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:-

Mill-atti tal-mandat ta' inibizzjoni jirrizulta illi A B u l-assenti kienu mizzewgin u minn dan iz-zwieg kellhom lil E F C li twieled fitr-12 ta' Novembru 2004. Il-

partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Bartholomeo Micallef fit-2 ta' Mejju 2006. Artikolu 5 tal-kuntratt jipprovdi illi (1) l-kura u kustodja tal-minuri inghatat esklussivament lill-omm; (2) il-missier seta' jara u jkollu access ghall-minuri fil-presenza tal-omm jew fil-presenza ta' terza persuna inkarigata mill-omm; (3) il-passaport tal-minuri jinzamm mill-omm. Gie wkoll miftiehem fuq l-istess kuntratt (Artikolu 6) illi sabiex il-minuri jsiefer mhux akkumpanjat minn ommu kien mehtieg illi qabel jinghata l-kunsens bil-miktub da parti tal-omm.

Jirrizulta wkoll illi b'sentenza tas-6 ta' Gunju 2008 (Citaz 170/07 JA) z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie annullat.

Fit-30 ta' Ottubru 2014 A B talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-assenti D C, missier il-minuri E F C sabiex timpedih milli jiehu lill-minuri mill-gurisdizzjoni Maltija. Fir-rikors ghall-hrug tal-mandat de quo l-omm issottomettiet illi "l-intimat ilu ma jkollu ebda kuntatt maghha u mal-minuri mill-anqas dawn l-ahhar tmin snin. Madankollu l-esponenti ghandha biza' li l-intimat jista' johdilha t-tifel peress illi huwa kien gheddidha li meta t-tifel jghalaq ghaxar snin huwa kien ser jiehu l-istess tifel u billi t-tifel wasal biex jghalaq l-ghaxar snin, jehtieg li jinhareg dan il-mandat ta' inibizzjoni sabiex jigu kkawtelati d-drittijiet ta' l-esponenti".

It-talba intlaqet u l-mandat ta' inibizzjoni inhareg kontra l-kuaturi ghall-assenti, Dott. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar, permezz ta' digriet moghti fl-20 ta' Novembru 2014.

Fis-7 ta' Mejju 2015 l-istess kuraturi deputati ghall-assenti intavolaw ir-rikors odjern fejn qed jitolbu ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni peress li l-omm ma pprezentatx kawza in segwitu ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni de quo.

Ikkunsidrat;

**L-AZZJONI U D-DIFIZA**.

Il-kuraturi deputati ghall-assenti Dr Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar qeghdin jitolbu illi l-mandat ta' inibizzjoni mahrug kontra l-kuraturi deputati ghall-assenti fl-20 ta' Novembru 2014 jigi revokat in kwantu ma giex segwit b'kawza.

Din it-talba qed issir ai termini tal-**Artikolu 836 tal-Kap. 12** li jipprovdi illi:-

"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet latt kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista'

jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ…………………"

A B qed tilqa' ghall-din it-talba b'hames eccezzjonijiet:-

1. Il-kuraturi ghandhom jipprovaw il-mandat taghhom minghand l-assenti sabiex jintavolaw il-procedura odjerna

2. Jekk ir-rikorrenti qed jagixxu bhala kuraturi deputati, ir-rikorrent m'ghadux fuq l-elenku tal-kuraturi deputati u ghalhekk ma setax jinizzja dawn il-proceduri.

3. Li r-rikorrenti m'ghandux interess guridiku.

4. Il-mandat ta' inibizzjoni sabiex izzomm persuna milli tiehu minuri barra l-Gzejjer Maltin "ma hemmx bzonn li jigi segwit b'kawza (Art. 877 (7).

5. Dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji u ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom ibatu l-ispejjez ta' din il-procedura.

**L-ISTITU TAL-KURATURI.**

L-Artikoli tal-ligi rilevanti ghall-vertenza in dizamina jinstabu fil-**Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Artikolu 929**

"Barra mill-każijiet li fihom dan il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi, il-qorti tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri –

(a) fl-interess ta' nies assenti, jew taħt l-età li ma jkunux rappreżentati skont il-liġi, jew ta' persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew ta' interdetti, jew ta' persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa għal fedekommess jew għal wirt battal li ħadd ma jidher għalih skont il-liġi, jew ta' persuni li 'l quddiem jistgħu jiġu msejħa għal dan il-fedekommess jew wirt;

- omissis -

**Artikolu 930.**

(1) Il-kuraturi jiġu maħtura mill-qorti kompetenti fuq talba b'rikors ippreżentat flimkien mal-att li bih tinġieb 'il quddiem il-kawża; f'dak il-każ, il-post tal-ismijiet tal-kuraturi jitħalla vojt fl-att li bih tinġieb 'il quddiem il-kawża, u jkun dmir tar-reġistratur, wara li ssir il-ħatra tal-kuraturi, li jdaħħal isimhom fl-att, qabel ma jmexxih.

(2) Il-ħatra tal-kuraturi tista' ssir ukoll, fuq rikors, matul iż- żmien li l-kawża tkun pendenti, inkella, b'talba bil-fomm fis-smigħ tal-kawża, meta din il-ħatra ssir meħtieġa wara li tkun bdiet ilkawża.

(3) Il-preżentata ta' dan ir-rikors twaqqaf il-mixi ta' kull żmien li għandu x'jaqsam mal-atti tal-proċedura.

**Artikolu 931.**

(1) Il-qorti, wara d-digriet tal-ħatra tal-kuraturi, toħroġ bandi, illi għandhom jiġu mwaħħla fid-daħla tal-edifizzju fejn il-qorti toqgħod.

(2) Kopja ta' dawn il-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha għandha tiġi nnotifikata lil wieħed mill-eqreb qraba tal-persuna li għandu jkollha kuratur li jidher għaliha jew li għall-wirt tagħha tintalab il-ħatra ta' kuraturi, u jekk ebda qarib ma jkun magħruf, din il-kopja għandha tiġi notifikata lil xi ħadd ieħor magħruf bħala li hu jew li kien ħabib tal-persuna li għandha interess.

(3) Meta l-persuna li tkun qed titlob il-ħatra ta' kuraturi kif imsemmi fis-subartikolu (2), ma tkun taf b'ebda qarib jew ħabib, il-qorti tista' tordna li minflok in-notifika msemmija fis-subartikolu (2) kopja tal-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u f'għallanqas żewġ gazzetti ta' kuljum bi spejjeż għall-applikant.

**Artikolu 933**

Meta tidher persuna illi, b'nota iffirmata minnha, toffri ruħha li taċċetta l-ħatra ta' kuratur, il-qorti tista', meta jidhrilha li jkun ta' ġid għall-interess li għalih il-kuratur għandu jidher, twettaq bħala kuratur lill-persuna illi tkun hekk dehret.

**Artikolu 934**

Jekk ħadd ma jidher fiż-żmien ta' sitt ijiem fuq imsemmi, inkella, jekk il-qorti ma twettaqx bħala kuratur lill-persuna li tkun dehret, il-qorti taħtar bħala kuraturi

avukat u prokuratur legali minn dawk imniżżlin fl-elenku msemmi fl-artikolu 91. Il-persuna mwettqa bħala kuratur m'għandhiex jedd għall-ispejjeż.

**ID-DMIRIJIET TAL-KURATURI GHALL-ASSENTI**

**Artikolu 936.**

(1) Il-kuraturi għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża tal-interessi li għalihom ikunu jidhru. Id-dmirijiet tal-kuraturi għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) li jinvestigaw sewwa dwar il-jeddijiet tal-persuni li jirrappreżentaw u li jidentifikaw dawn il-jeddijiet;

(b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jittutelaw il-jeddijiet imsemmija qabel;

(ċ) li jikkuntattjaw minnufih lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw, jekk l-indirizz ikun magħruf, u jekk mhux magħruf għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu jagħmlu biex isiru jafu l-indirizzi tagħhom, magħduda l-pubblikazzjoni bl-awtorità tal-qorti ta' avviż f'gazzetta tal-lokal fejn l-aħħar kien magħruf jew kienu magħrufin;

(d) li jgħarrfu lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw b'kull att ġudizzjarju u x'ikun fih;

(e) li jiksbu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiddefendu kull interess tal-persuna jew persuni li jkunu jirrappreżentaw;

(f) li jkomplu jittutelaw l-interessi tal-persuna jew persuni li jirrappreżentaw dwar kull ħaġa pendenti minkejja li ż-żmien tal-ħatra taħt l-artikoli 89 jew 90 jista' jkun skada; u

(g) li jżommu lill-qorti regolarment mgħarrfa b'kull azzjoni meħuda fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

(2) Il-kuraturi għandhom iwieġbu għal kull danni u imgħaxijiet li jista' jkun hemm minħabba t-traskuraġni tagħhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI.**

**GURISPRUDENZA.**

Kuratur deputat jigi appuntat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-persuna li qed jirraprezenta u jressaq sa fejn possibbli difiza. Naturalment fejn il-persuna rapprezentata hija assenti u jkunx possibbli li ssir komunikazzjoni jew jittiehdu struzzjonijiet, id-difiza li kuratur deputat jista' jressaq hafna drabi hija xi ftit jew wisq limitata minhabba nuqqas ta' informazzjoni u mankanza ta' struzzjonijiet. Fl-istess hin il-ligi timponi fuq il-kuraturi depuati illi jittutelaw safejn possibbli l-interessi tal-persuna rapprezentata. Il-gurisprudenza tghallimna illi meta l-gudizzju jghaddi in gudikat il-funzjoni tal-kuratur deputat tigi limitata ghall-procedura referibbli ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza.

Fis-sentenza "**Casapinta Design Group Ltd vs Dr Tonio Azzopardi et noe**" deciza mill-Qorti tal-Appell (PS) fl-20 ta' April 2005":-

"Fid-disposizzjonijiet taht it-Titolu XI ("Fuq il-Kuraturi") tal-Kapitolu 12 insibu mfassla l-procedura ghall-hatra ta' kuraturi "fl-interess ta' nies assenti" [Artikolu 929 (a)] jew "fl-interess ta' kull socjeta` kummercjali jew organizzazzjoni jew ghaqda jekk ir-rapprezentanti taghha jkun assenti minn Malta jew jekk ebda persuna jew persuni kif imsemmija jew bizzejjed persuni ma jkunu moghtija dik ir-rapprezentanza" [Artikolu 929(d)]. F' kaz bhal dan jista' jissucciedi li wara l-bandi tidher persuna li toffri ruhha li taccetta l-hatra ta' kuratur (Artikolu 933) jew jekk l-ebda persuna bhal dan ma jidher, zmien sitt ijiem, il-qorti tghaddi biex tahtar, fil-kaz ta' qorti ta' kompetenza nferjuri, avukat jew prokuratur legali, ukoll jekk mhux mill-elenku msemmi fl-Artikolu 91 (Artikolu 941);

- omissis -

Dan fis-sens illi "l' ufficio del curatore alla lite cessa colla sentenza definitiva, ne puo egli comparire in altre lite, sebbene interessanti le stesse persone … Ne puo dopo pronunziata e passata in giudicato la sentenza fare convenzione o transazioni sull' oggetto gia in lite" (Kollez. Vol. VII p 208). Ir-rapprezentanza tieghu tibqa' biss ghall-finijiet u in konnessjoni mal-procediment ezekuttiv tas-sentenza (Kollez. Vol. XXXIX P II p 595; "**Avv. Doctor Anton Farrugia et -vs- Eucharist Zammit",** Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1988); "

Intqal fis-sentenza "**Mary Bennie vs Dr Beppe Fenech Adami et. noe**" (PA (JRM) – 28.09.2001) illi: "…..il-principju accettat u generalment maqbul li jhaddem il-qaghda ta' kuraturi *ex ufficio* huwa dak li jzomm li l-hatra u r-responsabbilta' tal-kuraturi tieqaf malli jkun hemm sentenza ahharija li ssir gudikat, u li dan ifisser ukoll dak l-istadju tal-esekuzzjoni taghha. Izda kuratur (ukoll jekk jidher minn rajh wara l-hrug tal-bandu) mahtur mill-Qorti ma jaqax fl-istess keffa ta' mandatarju jew tal-kuratur ad litemkeffa ta' mandatarju jew tal-kuratur ad litem, u jidher li l-ligi ma tridx li tali kuraturi jkunu personalment responsabbli ghat-twettiq tas-sentenza jew ghall-hlas tal-ispejjez ;

(App.**Strickland vs Strickland** (Kollez. Vol: XXIV.i.544); ( P.A.: **Sammut vs Portelli** (Kollez. Vol: XXXIX.ii.594) applikabbli ghall-kuraturi ad litem)".

u jidher li l-li[i ma tridx li tali kuraturi jkunu personalment responsabbli g]at-twettiq tas-sentenza jew g]all-]las talispejje\ 18 ; G]al dawn ir-ra[unijiet, il-Qorti qeg]da taqta' l-kaw\a billi: Filwaqt li ti`]

**L-EWWEL ECCEZZJONI.**

Fl-ewwel eccezzjoni taghha l-intimata teccepixxi illi Dr Renzo Porsella Flores ghandu qabel xejn igib il-prova li huwa ghandu mandat minghand l-assenti sabiex jistitwixxi r-rikors de quo. F'din l-eccezzjoni l-intimata qed tikkonsidra lil Dr Renzo Porsella Flores bhala mandatarju specjali tant hu hekk illi fit-tieni eccezzjoni jinghad illi "jekk minn naha l-ohra r-rikorrent qed jagixxi qua kuratur depuatat………..".

Fil-fehma tal-Qorti tali eccezzjoni hija infondata. Jirrizulta mill-atti illi Dr Renzo Porsella Flores qed jagixxi fil-kwalita' tieghu ta' kuratur deputat ghall-assenti u mhux bhala mandatarju specjali. L-eccezzjoni kienet tkun fondata kieku r-rikors de quo kien intavolat minn Dr Porsella Flores bhala mandatarju specjali ghall-assenti. Xejn fir-rikors ma jindika illi Dr Porsella Flores intavolah bhala mandatarju specjali kif lanqas xejn f'dan ir-rigward ma irrizulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

**IT-TIENI u T-TIELET ECCEZZJONI.**

Permezz tat-tieni eccezzjoni taghha l-intimata teccepixxi illi Dr Porsella Flores qua kuratur deputat ghall-assenti ma setghax jistitwixxi r-rikors odjern ghar-revoka tal-mandat peress li skond l-intimata Dr Porsella Flores m'ghadux fuq l-elenku tal-kuraturi. Jonqos ghalhekk fir-rikorrent l-interess guridiku rikjest mil-ligi u l-gurisprudenza sabiex jistitwixxi l-procedura odjerna, ssostni l-intimata.

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fil-jum li fih gie intavolat ir-rikors de quo Dr Porsella Flores ma kienx ghadu fuq l-elenku ufficjali tal-kuraturi.

L-intimata ssosnti illi "r-rikorrent bhala persuna mhux aktar fl-elenku hija impedita milli tinizzja proceduri hi du sua sponte."

Il-Qorti ma taqbilx ma tali asserzjoni. Kuratur deputat ghall-assenti jibqa' fid-dover li jaqdi l-funzjonijiet lilu moghtija mil-ligi u li jirraprezenta l-interessi tal-assenti, sakemm l-inkarigu tieghu ma jigiex revokat. Kif rajna *supra* permezz tal-

Artikolu 936 tal-Kap. 12, il-kuraturi ghandhom diversi doveri, uhud minnhom pjuttost rigoruzi u impenjattivi. Il-ligi stess tistipula illi d-doveri ta' kuratur ta' l-elenku nominat mill-Qorti f'kaz partikolari, ma jiqfux appena ma jibqax fuq l-elenku. Difatti Artikolu 936 (1) (f) tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-kuraturi huma fid-dover:

***"(f) li jkomplu jittutelaw l-interessi tal-persuna jew persuni li jirrappreżentaw dwar kull ħaġa pendenti minkejja li ż-żmien tal-ħatra taħt l-artikoli 89 jew 90 jista' jkun skada**;"*

Inoltre s-sub inciz 2 tal-artikolu 936 jipprovdi illi l-kuraturi huma responsabbli personalment ghad-danni versu l-persuna jew persuni li qed jirraprezentaw jekk jirrizultaw danni rizultat ta' traskuragni tal-kuraturi.

Ghalhekk it-tieni u t-tielet eccezzjoni qed jigu respinti.

**IR-RABA' ECCEZZJONI**.

Permezz tar-raba' eccezzjoni taghha l-intimata teccepixxi illi l-mandat ta' inibizzjoni huwa "l-unika mandat kawtelatorju li ma hemmx bzonn li jigi segwit b'kawza. Ticcita l-artikolu 877 sub inciz (7) u (8) u tissottometti illi tali mandat jista' jibqa' jigi pprorogat "indefinittivament" minn sena ghal sena minghajr il-htiega li tigi intavolata kawza.

Ikkunsidrat;

Iz-zewg partijiet qeghdin gustament iqisu l-mandat ta' inibizzjoni nru. 279/14 bhala mandat kawtelatorju. Il-kuntrast bejn il-partijiet jirrigwarda il-htiega o meno ta' intavolar ta' kawza sabiex il-mandat ikun jista' jibqa' fis-sehh. Il-kuratur deputat isostni li qua mandat kawtelatorju jehtieg li jigi segwit b'kawza sabiex jibqa' fis-sehh filwaqt li l-intimata ssostni illi tali mandat kawtelatorju huwa l-eccezzjoni ghar-regola u ma jehtieg l-ebda intavolar ta' kawza sabiex jibqa' fis-sehh indefinittivament soggett li jigi annwalment prorogat.

**Artikolu 877 tal-Kap. 12** jipprovdi dwar il-mandat intiz sabiex iwaqqaf persuna milli tiehu persuna ta' that l-eta' barra minn Malta:-

"(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.

- omissis -

(7) Il-mandat li l-effett tiegħu ma jkunx spiċċa għal raġunijiet oħra, jibqa' jseħħ għal sena li tibda għaddejja minn dak in-nhar li jinħareġ, kemm-il darba, f'dan iż-żmien, ma jiġix mogħti lir-rikorrent, fuq rikors tiegħu, it-tiġdid taż-żmien.

(8) It-tiġdid ta' dak iż-żmien jista' jingħata iżjed minn darba waħda, iżda ma jistax jingħata għal żmien itwal minn sena kull darba."

L-Artikolu 877 appena citat jinstab fit-Titolu VI tal-Kap 12 intitolat "Fuq l-Atti Kawtelatorji" filwaqt li Artikolu 836 (1) (a) jipprovdi dwar illi intimat f'mandat kawtelatorju jista' jitlob ir-revoka tal-mandat jekk ma jkunx ghadu fis-sehh.

Ezaminati l-provvedimenti legali applikabbli il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

L-intimata ssostni illi l-mandat ta' inibizzjoni fir-rigward ta' safar ta' minuri ma jehtiegx li jigi segwit b'kawza sabiex jibqa' fis-sehh. In sostenn ta' din id-difiza ticcita is-sub incizi (7) u (8) tal-Artikolu 877 tal-Kap. 12 li jistipula l-htiega ta' tigdied annwali tal-mandat in dizamina sabiex jibqa' fis-sehh.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-vertenza. Prima' facie iz-zewg posizzjonijiet rispettivi tal-partijiet jidhru validi. Il-kuraturi deputati jsostnu illi l-mandat ta' inibizzjoni de quo, in kwantu huwa mandat kawtelatorju, jehtieg li fi zmien ghoxrien jum jigi segwit b'kawza sabiex jibqa' fis-sehh. Dan l-argument huwa msahhah mill-fatt illi Artikolu 876A tal-Kap 12 jipprovdi illi "Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 829 sa 844 jgħoddu għall-mandat ta' inibizzjoni."

Skond **Artikolu 843 tal-Kap. 12**:-

"(1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat **fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat**".

Mill-banda l-ohra is-sottomissjoni tal-intimata illi l-vot tal-ligi huwa sodisfatt jekk ta' kull sena jintalab l-estensjoni tal-validita' tal-mandat ghandha certu piz tenut kont illi huwa l-unika mandat misjub taht il-mandat kawtelatorji li ghandu jigi mgedded annwalment.

Il-kawzali principali fil-mandat ta' inibizzjoni numru 279/14 kienet illi ghalkemm il-missier kien ilu nieqes mill-hajja tal-minuri ghal madwar tmien snin, hija kellha "biza li l-intimat jista' johdilha t-tifel peress illi huwa kien gheddidha li meta t-tifel jghalaq ghaxar snin" kien ser jaghmel hekk.

Fil-fehma tal-Qorti il-biza' tal-omm ma hiex biza' frivola. Tenut kont li l-missier huwa ta' origini Marokkina, u tenut kont li dak il-pajjiz ma hux firmatarju tal-Konvenzjonijiet ta' l-Aija li jipprotegu l-minuri, it-tehid abbuziv tal-minuri mill-

missier lejn dak il-pajjiz jista’ jkollu konsegwenzi dizastruzi ghall-benenessere tal-minuri minghajr l-ebda rimedju effettiv.

Il-fatt li fil-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali l-partijiet gia’ qablu li l-kura u kustodja tal-minuri tkun esklussivament f’idejn l-omm u li l-missier ma setghax isiefer lill-minuri jekk mhux bil-permess bil-miktub tal-omm qajla jista’ jkollhom konfort fejn jidhol htief potenzjali ta’ minuri.

Konsiderazzjoni ohra li l-Qorti qed taghmel hi illi una volta l-kura u kustodja tal-minuri hija regolata b’kuntratt pubbliku ma hemmx kawza x’tigi intavolata.

Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi jezistu cirkostanzi fejn wara li l-kura u kustodja tal-minuri tkun giet stabbilita’ permezz ta’ kuntratt approvat mill-Qorti, xorta wahda jkun mehtieg il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni dwar is-safar ta’ minuri sabiex jigi protett il-benessere tal-istess minuri.

Finalment jigi sottomess illi biz-zamma fis-sehh tal-mandat ta’ inibizzjoni dwar is-safar tal-minuri, ma hu ser jigi arrekat l-ebda hsara jew pregudizzju lill-missier, tenut kont illi huwa gia’ stipulat illi ma jistax jiehu lill-minuri barra minn Malta jekk qabel ma jottjeniex il-permess bil-miktub minghand l-omm.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba ghall-hrug ta’ kontro-mandat.

Fic-cirkostanzi, tenut kont id-diversi aspetti innovativi li gew konsiderati f’dan il-kaz, u tenut kont li kienu il-kuraturi deputati li istitwew din il-procedura, l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**